MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 329/2010

**Rapid Exchange Company Limited (C18068)**
**Vs**
**George Cefai**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ mija erbgha u tlettin ewro u sitta u tlettin centezmi (€134.36) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilhom mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu taghha stess.

Bl-imghaxijiet skont il-ligi dekorribbli mis-7 ta’ Frar, 2006, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-14 ta’ Settembru, 2009.

Is-socjeta’ attrici hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-

seduti li nzammu quddiem it-Tribunal u ra li naqas illi jikkontesta l-kaz.

Ra li giet pprezentata nota ta' ammissjoni fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2010 da parti ta' George Cefai mill-Avukat difensur tieghu.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------